# Giannino Castiglioni 1884-1971

## *L-awtur tal-Via Crucis tal-bronż fil-Kolleġġjata tar-Rabat*

**minn Joseph G Scerri**

Meta wieħed isemmi il-belt ta' Milan, ħsiebna faċilment imur fuq id-Duomo, tempju Gotiku majestuż li d-daqs tiegħu jagħmlu l-akbar katidral fl-Italja. Dan it-tempju ddedikat lit-Twelid ta' Santa Marija, *Santa Maria Nascente* beda jinbena fl-1386. Il-faċċata ta' dan it-tempju fiha ħames bibien kbar tal-bronż. Matul il-ġimgħa, biex wieħed iżur dan il-kattidral, jeħtieġlu jidħol mit-tieni bieb fuq in-naħa tax-xellug. Dan il-bieb hu magħmul minn żewġ bibien miksija b'pannelli kbar tal-bronż u panew ieħor dejjaq u fiss taħt l-arkipjan. Dawn juru diversi rillievi movimentati b'ħafna figuri (aktar minn 150 figura) li jfakkru diversi ġrajjiet mill-ħajja ta' Sant'Ambroġ, qaddis tar-raba' seklu WK u Arċisqof ta' Milan. Il-pannel ta' taħt l-arkipjan juri fin-nofs lil Sant Ambroġ imdawwar b'erba' qaddisin oħra. Meta wieħed iħares sew lejn dawn ir-rilievi bilfors jolqtuh ix-xebh qawwi fl-istil u d-daqqa artistika ta' bejn dan il-bieb tad-Duomo ta' Milan u l-Via Crucis li jżejjen il-Kolleġġjata u Proto Parroċċa tar-Rabat. Fil-fatt iż-żewġ opri tal-arti huma xogħol l-istess artist Taljan tas-seklu XX, Giannino Castiglioni u t-tnejn li huma nħadmu fil-Fonderia Battaglia li fuqha ser nitkellmu aktar 'il quddiem.



**L-iskultur Castiglioni waqt ix-xogħol fuq il-bieb tal-bronż tad-Duomo ta' Milan. (Ħajr - Familja Castiglioni).**

### Ħajtu

Giannino Castiglioni twieled f'Milan fl-4 ta' Mejju tal-1884, minn Giacomo u Piera Bergamaschi. Studja l-arti u l-iskultura taħt E. Butti fl-Akkademja ta' Brera. Missieru, Giacomo, kien direttur ta' Stabilimento Johnson, funderija li kienet u għadha tispeċjalizza fil-muniti u l-midalji, liema funderija aktar 'il quddiem kellha twettaq bosta xogħlijiet ta' Giannino stess. Kif spiċċa mill-akkademja fl-1906, ipparteċipa u rebaħ il-konkors tal-Esposizione Internazionale ta' Milan. Fil-bidu, minbarra skultura kien jaħdem ħafna xogħol ta' pittura ukoll. Fl-2011, f' Lecco saret wirja bil-pitturi ta' Castiglioni u dan fl-okkażjoni tal-40 anniversarju mill-mewt tiegħu. Hu fil-fatt qatta' parti kbira minn ħajtu jgħix f'Lierna, raħal żgħir fuq ix-xatt tal-Lago di Como, fil-provinċja ta' Lecco. Id-dar inkluż l-istudjo tal-arti tiegħu llum iservu ta' mużew bix-xogħlijiet u ħwejjeg oħra tiegħu. F'Lierna nsibu wkoll ħafna xogħlijiet tiegħu fiċ-ċimiterju u fil-Knisja ta' San Mikiel, filwaqt li l-funtana li nsibu fil-pjazza ċentrali magħrufa bħala Piazza IV Novembre hija opra tiegħu wkoll.

L-ewwel xogħlijiet ta' Castiglioni fl-iskultura kienu jikkonsistu f'għadd kbir ta' midalji li jfakkru

personaġġi u ġrajjiet storiċi. Dan kien żmien fejn seħħew ħafna avvenimenti marbutin mal-ewwel gwerra u l-ġrajjiet imqallba tal-bidu tas-seklu XX. Fl-1922 ħa sehem fil-wirja nazzjonali tal-arti sagra ta' Milan. Fl-istess sena rebaħ konkors internazzjonali għall-iskultura tal-faċċata tal-parlament ta' Montevideo fl-Urugwaj, xogħol imponenti li jinkludi erba' gruppi ta' skultura b'ħafna figuri, flimkien ma' frontispizju b'fond b'riliev kbir b'ħafna figuri simboliċi u allegoriji. Dan ix-xogħol ħadlu sitt snin biex lestieh.

Fl-1926, b'tifkira taż-żjara tal-Prinċep ta' Piemonte fi Buenos Aires, Castiglioni ħadem opra oħra għall-Amerika Latina; monument fil-bronż mogħti bħala rigal mill-komunità Taljana lill-istess belt li kienet tospitahom. Fl-istess żmien ukoll, b'tifkira ta' dawk li ħallew ħajjithom fl-ewwel gwerra dinjija ħadem monument ekwestru tal-bronż għal Magenta fl-1925, monument tal-gwerra għal Lecco u vaska kbira tal-bronż bi tliet kolonni li jfakkru r-rebħa mill-ajru, mill-baħar u mill-art f'Ghiffa fl-1926. Iżda l-aktar opra popolari tiegħu għas-sempliċità u l-ħlewwa tagħha hi l-funtana ta' San Franġisk li wieħed għadu jista' jara fi Piazza Sant Angelo fiċ-ċentru ta' Milan.

Fi żmien l-era Faxxista fl-Italja, Castiglioni ġie mqabbad biex flimkien mal-Perit G. Greppi jaħdem fuq iċ-ċimiterji tal-gwerra ta' Monte Grappa fl-1935, ta' Timavo fl-1937 u ta' Caporetto, Zara, Pola u Redipuglia fl-1938. Redipuglia jikkonsisti f'monument enormi imtarraġ. Dan iċ-ċimiterju monumentali ta' Redipuglia fl-Italja hu dak marbut mal-knisja tar-Rabat ta' Malta kif ser naraw aktar 'il quddiem.

Ix-xogħlijiet tiegħu ta' skultura huma stmati li jlaħħqu mas-600, però fost dawn, l-aktar li baqgħu jissemmew huma l-istatwa ta' Kristu Re fl-Università Kattolika ta' Milan (1929), il-qabar tal-Papa Piju XI li nħadem fl-1941 u li wieħed għadu jista' jara fil-kannierja tal-Vatikan, l-istatwa ta' Dante flimkien ma' funtana fil-Pinacoteca Ambrosiana f'Milan (1947) u diversi kapelli u monumenti fiċ-ċimiterju monumentali ta' Milan. F'dan iċ-ċimiterju Castiglioni fl-1956, ġie mqabbad biex jaħdem il-bażi tal-bronż li fuqha tinsab l-urna bil-fdalijiet tal-kittieb ċelebri Taljan, Alessandro Manzoni. Fl-1950 ħadem il-bieb tad-Duomo ta' Milan li semmejna fil-bidu filwaqt li fl-1960, ħadem il-monument għal *Martiri della Liberazione* li jinsab fi Pjazza Loreto f'Milan. Il-bieb tad-Duomo ta' Milan li rreferejna għalih aktar qabel bdieh fl-1937 iżda spiċċah u ġie inawgurat fis-sena 1950.




*Il-qabar ta' Manzoni, xogħol ta' Castiglioni li jinsab f'Milan.*

Giannino Castiglioni żżewweġ lil Livia Bolla u kellu tliet subien; Livio, Pier Giacomo u Achille, li t-tlieta li huma kienu periti u ffurmaw studio għad-ditta Castiglioni flimkien. Aktar milli bini huma ħolqu disinni għal oġġetti tad-dar. Fit-tletinijiet kienu l-awturi ta' diversi mudelli ta' radjijiet, posati tal-ikel, u *stands* kbar għal Fiera Internazzjonali ta' Milan għal ażjendi bħar-Rai, Montecatini u Eni. Kreattività.

Giannino Castiglioni miet fis-17 ta' Awwissu 1971 u jinsab midfun fiċ-ċimiterju ta' Lierna, imdawwar b'ħafna xogħlijiet u monumenti li hu stess iddisinja jew saħansitra ħadem.




*Il-qabar tal-Papa Piju XI fil-Vatikan, xogħol ta' Castiglioni.*

### Castiglioni f'Redipuglia

Dan iċ-ċimiterju militari li jfakkar il-mejtin tal-Ewwel Gwerra Dinjija jinsab

f'Fogliano Redipuglia, provinċja ta' Gorizia firreġjun ta' Friuli Venezia Giulia fl-Italja. Hu l-akbar ċimiterju tax-xorta tiegħu fl-Italja u wieħed millakbar fid-dinja, jfakkar il-memorja ta' aktar minn 689,000 suldat Taljan li mietu u fih huma midfuna l-fdalijiet ta' madwar 60,000 minnhom. Iċ-ċimiterju fil-fatt jinsab fiċ-ċentru ta' park li jfakkar l-istess gwerra u li jkopri aktar minn 100 Ettaru fejn matul l-ewwel gwerra seħħet waħda mill-akbar battalji, dik magħrufa bħala l-battalja ta' Isonzo. Fil-fatt f'dan il-park wieħed għadu jista' jara t-trinek, ħofor kbar mgħollija minn splużjonijiet u diversi fdalijiet oħra tal-ewwel gwerra.

Dan il-kumpless kien imfassal minn grupp ta' nies immexxija mill-perit Giovanni Greppi u milliskultur Giannino Castiglioni. Ix-xogħol inbeda fl-1935 u tlesta tliet snin wara. Fit-18 ta' Settembru 1938 ġie inawgurat minn Benito Mussolini nnifsu fil-preżenza ta' aktar minn 50,000 veteran tal-ewwel gwerra. Hu propjetà tal-gvern Taljan u jaqa' taħt irresponsabiltà tal-Ministeru tad-Difiża. Ta' kull sena fl-4 ta' Novembru ssir ċerimonja li tfakkar is-suldati Taljani li mietu fl-ewwel gwerra, liema ċerimonja tkun immexxija dejjem mill-President tas-Senat Taljan.

Dan iċ-ċimiterju f'forma ta' monument wieħed, hu mfassal fuq skjerament tipiku ta' battalja militari, fejn fil-bażi quddiem nett jinstab il-qabar ta' Emanuele Filiberto di Savoia-Aosta, kmandant tat-Tielet Armata Taljana mdawwar bl-oqbra ta' ġenerali oħra tiegħu. (Id-Duka ta' Savoia li miet fl-1931 kien wera x-xewqa li jingħata l-unur li jindifen mas-suldati li mexxa matul l-ewwel gwerra). Wara dan wieħed isib pjazza wiesa' b'19-il plakka talbronż bl-ismijiet ta' dawk il-postijiet fejn fihom saru l-eħrex battalji. Minn hawn lura, jibda taraġ maestuż b'22 tarġa li fih jinsabu midfunin b'ordni alfabetiku mal-40,000 suldat li huma identifikati b'isimhom. Fuq kull qabar hemm miktub b'ittri kbar il-kelma *PRESENTE*, l-għajta li tintuża waqt ir-ritwal ta' difna militari Taljana wara li l-kaptan tal-iskwadra jsejjaħ l-isem tas-suldat maqtul. Hawn jinħass l-effett tat-tema patrijottika ispirata u mbuttata minn Mussolini nnifsu f'dan il-perjodu lejlet it-tieni gwerra dinjija.

L-unika mara midfuna f'dan iċ-ċimiterju hi Margherita Kaiser Parodi Orlando, membru tal-Assoċjazzjoni tas-Salib l-Aħmar li mietet fil-gwerra meta kellha biss 21 sena, waqt il-qadi ta' dmirijietha bħala infermiera.

Ftit aktar 'il fuq tinsab il-kappella li fuq iż-żewġ naħiet tagħha jinsabu l-oqbra ta' dawk fost is-suldati maqtula li qatt ma ġew identifikati. Il-kappella għandha wkoll żewġ swali maġenbha li fihom jinsabu tifkiriet personali ta' ħafna minn dawk li ħallew ħajjithom u jinsabu midfuna hemm. Hi ddedikata lil Marija Sultana tal-Paċi, San Franġisk t'Assisi u Santa Katerina ta' Siena, l-aħħar tnejn meqjusa bħala l-patruni tal-Italja. Huwa propju f'din il-kappella li nsibu l-erbatax-il panew riliev li juri l-istazzjonijet tal-Via Crucis li tagħha teżisti replika awtentika fil-knisja tar-Rabat. Ma' dawn hemm ukoll id-depożizzjoni ta' Kristu mejjet fejn jidher qed jinġarr lejn il-qabar maħduma f'alto riliev li jiddomina l-parti ċentrali tal-altar maġġur. Dawn huma kollha xogħol ta' Giannino Castiglioni. Huma kollha maħduma fil-bronż ibbanjat bid-deheb.

### Coccoli, Monsinjur Spiteri u Castiglioni

Wara dan kollu tfiġġ il-mistoqsija: Kif nibtet il-konnessjoni ta' dan l-iskultur Taljan mill-Lombardija mal-gżira ta' Malta u mal-Knisja Proto Parroċċa u Kolleġġjata tar-Rabat? Fl-opinjoni tiegħi dan kien riżultat ta' deċiżjonijiet għaqlija u kuraġġużi ta' żewġ Kappillani li semgħu u ħadu pariri tajba u ma beżgħux jagħżlu li jżejnu l-knisja b'opri ta' arti moderna u kontemporanja skont żmienhom ukoll jekk dawn id-deċiżjonijiet ma kinux l-aktar popolari.

Meta l-Kappillan, aktar tard Monsinjur, Dun Anton Buhagiar (parrokat: 1929 - 1945) iddeċieda li jidħol għal proġett tal-pittura tas-saqaf tal-knisja, tal-koppla u t-twieqi, nafu li fost dawk li għenuh u influwenzawh fid-deċiżjonijiet tiegħu kien hemm l-Isqof Mons Mauro Caruana OSB u l-Kappillan tiegħu Dun Karm Farrugia, flimkien mal-iskultur Antonio Sciortino, li kien ukoll kuġin tal-istess Kappillan Buhagiar. Kien fil-fatt Mons Mauro Caruana li introduċieh mal-iskola superjuri tal-arti Beato Angelico, imwaqqfa ftit qabel f'Milan minn Don Giuseppe Polvara, u li għadha teżisti sal-lum. Kienu mbagħad dawn tal-aħħar li ssuġġerewlu lil pittur




*It-13-il stazzjon u l-Via Crucis fil-Kappella taċ-Ċimiterju ta' Redipuglia.*

minn Brescia, Eliodoro Coccoli (1880-1974) li finalment wettaq il-proġett tal-pittura. Iżda għal aktar tagħrif dwar dan wieħed għandu jara l-artiklu miktub minn Mons. Ġwann Azzopardi fil-ktieb *Il-Festi Tagħna* tal-1984, bit-titlu l-Pittura ta' Coccoli fil-Kolleġġjata tar-Rabat.

Ix-xogħol tal-pittura minn Coccoli beda fil-bidu tat-tletinijiet iżda kellu jieħu aktar minn għoxrin sena biex jitlesta. Fil-fatt ġie mitmum fi żmien il-Kappillan suċċessur ta' Buhagiar, Dun Lawrenz Spiteri li aktar tard ġie maħtur monsinjur. Dan minn naħa tiegħu fehem il-passi għaqlin li ħa l-Kappillan ta' qablu u għażel hu wkoll li jibqa' fuq l-istess linja ta' ħsieb. Dan għaliex minbarra li kompla jagħti l-opportunità lill-pittur Coccoli biex jibqa' jesprimi lilu nnifsu liberament fl-istil artistiku tiegħu, inqeda wkoll bih biex jasal ħalli jsib skultur ta' fama li seta' jafdalu l-opra ta' Via Crucis ġdida li kellha tikkumplimenta l-knisja u l-pittura li kienet qiegħda ssir.

Mill-arkivji tal-parroċċa jirriżulta li l-ewwel darba li l-Kappillan Spiteri bil-kitba jirreferi għall-Via Crucis, kien f'ittra li kiteb lil Coccoli bid-data tat-12 ta' Ottubru 1951, fejn wara li jkellmu fuq ix-xogħol li kien għadu għaddej fuq il-pittura jgħidlu hekk:

*"Filwaqt li nilqa' il-pariri tiegħek dwar li għandha tkun Via Crucis fil-bronż, sabiex ikollna opra artistika u fl-istess waqt naraw Via Crucis, kif drajna narawha għal sekli mqiegħda mal-pilastri, ippermettili nissuġġerixxi Via Crucis in alto rilievo, li tkun imdendla u mwaħħla proporzjonalment ma' virga tal-ħadid u mat-tarf t'isfel tal-virga, imqiegħda fi kwadru tal-ħadid, ebanu jew materjal ieħor, b'salib fuqha, b'kitba fuq il-bażi tagħha, u b'kandelabru brazz bi tlieta (li tan-nofs għandu jkun ftit iqsar mill-oħrajn), liema kandelabru ma' għandux ikun imqabbad mal-virga li magħha jiddendel il-kwadru. Ara ftit id-disinn li għamilt jien stess, m'iniex pittur, imma naħseb li jiftiehem biżżejjed. Issa li għidtlek dan nitolbok tagħtini pariri, ideat u soluzzjonijiet prattiċi*".

Minn kif qed naraw hawn, Spiteri kellu idea ċara ta' xi xtaq, filwaqt li kien miftuħ għall-pariri tal-espert. Jidher ukoll li ħa konsiderazzjoni ta' problemi prattiċi bħat-toqol tar-riliev tal-bronż, il-kwadru u l-kandelabru u fl-istess ħin ried iħalli mod kif seta' jibqa' jintrama d-damask fil-festi mingħajr ma jkollhom isiru toqob jew alterazzjonijiet fid-drapp. Finalment dawn kellhom isiru xorta waħda għaliex it-toqol tal-bronż ma ppermetthiex li l-kwadri jiddendlu ma' virga kif xtaq il-Kappillan Spiteri, imma kellhom isirulhom tliet grampuni sodi u ħoxnin mal-ħajt biex magħhom tiddendel il-Via Crucis. Id-disinn li għamel Spiteri ma jeżistix mal-kopja tal-ittra li tinsab fl-arkivju però jeżisti disinn ta' Coccoli li sar skont dak li kien bagħatlu Spiteri u dan hu maħżuż fuq ittra li Coccoli bagħat lill-Fonderia Battaglia fid-19 ta' Frar tal-1952.



***It 13-il stazzjon fil-Knisja ta' San Pawl tar-Rabat.***

F'din l-ittra Coccoli jirreferi għaż-żjara li hu kien għamel tmint ijiem qabel fl-istess funderija. Fiha jirreferi għall-Via Crucis tal-Iskultur Castiglioni u jitlob lil funderija biex jibgħatulu ritratti tagħha kif hu kien intrabat li jibgħat lil min qed jordnaha. Fit-28 ta' Frar imbagħad f'ittra lil Coccoli, il-Kappillan Spiteri jerġa' jitolbu biex jibgħatlu aktar informazzjoni fuq il-Via Crucis u jgħidlu wkoll li hu nkwetat bid-dewmien minn naħa tal-pittur biex jirrispondi u mill-fatt li l-benefattur jista' jiġi nieqes f'daqqa u tintilef l-opportunità li din il-ħolma ssir realtà. Ma jirriżultax li din l-opra tħallset minn benefattur wieħed iżda probabilment li Spiteri kien qed jipprova jħeġġeġ lil Coccoli biex jfittex jagħtih risposta. Jidher li sa Ġunju tal-istess sena l-Kappillan Spiteri kien beda jitlef is-sabar għal mod kif Coccoli li dak iż-żmien kien diġà kellu 72 sena, kien jdum biex jirrispondih għall-korrispondenza tiegħu kemm dwar ix-xogħol tal-pittura kif ukoll dwar il-Via Crucis. Jidher ukoll li sa dan l-istess żmien, il-Kappillan kien għadu mhux deċiż fuq l-għażla tal-Via Crucis ta' Castiglioni, kif suġġerit minn Coccoli.

Iżda xi ħaġa wasslitu jibdel il-fehma tiegħu ftit wara għax f'ittra li l-Kappillan bagħat lil Coccoli fl-1 t'Ottubru tal-1952, jibda billi jgħidlu li "*rigward il-Via Crucis ta' Castiglioni, issa ninsab konvint li din hi adatta għall-knisja tiegħi*". Jgħidlu wkoll li hu jixtiequ jfiehem lil Fonderia Battaglia

dawk l-osservazzjonijiet kollha li għamillu sa issa u jgħidilhom biex jibagħtulu kopja tal-kuntratt li jrid jiġi ffirmat bil-kundizzjonijiet li tkellmu fuqhom sa dakinhar, flimkien ma' stima ta' kemm ser tiswa f'liri Taljani.

Jidher li sakemm kollox ġie miftiehem u l-Via Crucis inħadmet fil-bronż u tlestiet kellha tgħaddi sena oħra għaliex insibu li fit-30 ta' Settembru 1953, il-*Food and Commerce Control Office* ta' Malta approva l-liċenzja ta' importazzjoni mill-Italja ta' Via Crucis tal-bronż. Il-liċenzja ħarġet fuq isem il-Kappillan tar-Rabat L. Spiteri, bi prezz iddikjarat ta' £1200. Fid-19 ta' Frar 1954, il-Fonderia Battaglia bagħtet nota lill-Kappillan Spiteri biex tinfurmah li permezz tal-kumpanija tat-trasport Serra, l-għada 20 ta' Frar ser tibgħat tliet kaxxi b'erbatax-il kwadru tal-Via Crucis, erbatax-il salib żgħir, erbatax-il skrizzjoni u numri. Jgħidulu wkoll:

*"Aħna ninsabu ċerti li int ser tkun kuntent għax ix-xogħol ħareġ tajjeb ħafna u l-artista stess, il-Komm. Giannino Castiglioni hu sodisfatt hu wkoll."*

Jgħidulu wkoll li huma lesti li jitħallsu meta l-opra tasal Malta filwaqt li jistednuh li jerġa' jaħdem xi xogħol magħhom fil-futur. Din in-nota li wkoll tinsab fl-arkivju parrokkjali sfortunatament sal-lum hija l-unika nota li tirreferi għas-sehem tal-iskultur Castiglioni nnifsu f'dan il-proġett, però tista' tgħid li din turi biċ-ċar li kellu sehem waqt il-funzjoni fil-bronż tal-istess opra fil-Fonderia Battaglia. Jidher ukoll li l-iskultur Castiglioni ma' tħallasx tas-servizzi jew għad-drittijiet artistiċi tiegħu. Il-vjaġġ bil-Via Crucis telaq mill-Italja għal Malta nhar l-24 ta' Frar 1954, bil-vapur MV Altair imqabbad mill-aġenzija marittima Ignazio Messina & Co minn Genova. Il-pagament tal-Kappillan Spiteri lil Fonderia Battaglia għadda mill-fergħa tal-Barclays li dak iż-żmien kienet f'numri 12/13 fil-Pjazza tas-Saqqajja, għal Banca Belinzaghi ta' Milan. L-importazzjoni tal-Via Crucis ġiet eżentata mid-dazju u ġiet rilaxxata mid-dwana ta' Malta nhar il-5 ta' Marzu tal-1954.



**Il-firma ta' Castiglioni fuq l-Ewwel Stazzjon tal-Via Crucis tal-Parroċċa tar-Rabat.**

Tajjeb ngħidu wkoll li din il-funderija magħrufa bħala Fonderia Battaglia ta' Milan kienet imwaqqfa mill-aħwa Ercole u Vittorio Battaglia fl-1913. Hija għadha tiffunzjona bħala funderija artistika bis-sistema tac-*cerapersa* sal-lum. Fost il-ħafna artisti ta' fama internazzjonali li ħadmu xogħol fiha nsibu lil Enrico Manfrini, Francesco Messina, li fiha ħadem il-monument imponenti ta' Piju XII li nsibu fil-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan, Arturo Marini, Giacomo Manzu', Marino Marini, Luciano Minguzzi u Aligi Sassu.

Qabel mal-Via Crucis twaħħlet mal-pilastri li jdawru l-knisja, sarilha disinn tal-gwarniċ kif jidher illum mill-artist Rabti Carmelo Tonna, liema disinn illum jinsab ma' għadd ta' disinji oħra ta' Tonna fl-arkivju tal-Mużew Wignacourt. Ix-xogħol tal-injam inħadem fil-kewba minn Pawlu Vella (magħruf bħala tal-Ostji) li kellu l-ħanut tiegħu fl-Isqaq ta' San Frangisk, u jingħad li x-xogħol sar b'maestrija kbira mingħajr ma ntuża l-ebda musmar biex jgħaqqad l-injam. Ta' min jgħid li fil-fatt il-gwarniċ mhuwiex qed jerfa' l-panew tal-bronż għaliex fil-fatt il-Via Crucis hija mdendla mal-ħajt mill-bronż stess, u dan minħabba t-toqol tal-bronż innifsu. Fl-ewwel stazzjon li jinsab fuq il-presbiterju, mal-ewwel pilastru fuq il-lemin tal-altar maġġur, wieħed jista' jara li fir-rokna ta' isfel fuq in-naħa tal-lemin tidher ċara l-firma ta' Giannino Castiglioni fil-bronż.

Għall-okkażjoni tal-inawgurazzjoni li kienet saret matul ir-Randan tal-1954, kienu tqassmu wkoll għadd kbir ta' kartolini li kienu juru kull waħda mis-sett ta' erbatax-il panew tal-bronż. Il-Via Crucis ġiet imbierka mill-Gwardjan tal-Patrijiet Franġiskani tal-Ordni Minuri tar-Rabat.

F'dan l-artiklu ma saritx kritika artistika tal-Via Crucis ta' Castiglioni. Madankollu dan sar diġà f'dan il-ktejjeb fil-ħarġa numru 10 ta' *Il-Festi Tagħna* tal-1986, meta l-iskultur Rabti Frans Galea (1945-1994) kiteb analiżi bit-titlu *Il-Via Sagra ta' Castiglione: Opra mill-isbaħ fil-Bronż*. Iżda hawn ippruvajna nixħtu ftit dawl fuq il-figura ta' Giannino Castiglioni, l-iskultur Taljan ta' fama internazzjonali, bl-iskop li nagħrfu napprezzaw aktar din il-Via Crucis, l-unika opra tiegħu f'Malta u li tkompli tagħni din il-knisja tar-Rabat b'xogħol artistiku minn artisti ta' fama.

*Nixtieq nirringrazzja lil Mons. Ġwann Azzopardi, kuratur tal-Mużew Wignacourt għall-*

*għajnuna tiegħu biex wasalna għad-dokumenti fl-arkivju tal-parroċċa, kif ukoll lil Carla Castiglioni, neputija tal-iskultur Castiglioni u l-Associazione Culturale Giannino Castiglioni għall-koperazzjoni u għat-tagħrif li ġentilment għaddewlna. Grazzi wkoll tmur lis-sur Winston L Zammit għal għajnuna tiegħu fir-riċerka.*

**Bibljografija**


A Goretti, Lierna un paese tra lago e monti, Mandello Lario, Arti Grafiche Panizza, 2001

Anna Ranzi, Giannino Castiglioni opere inedite, pittore – ritrattistiċa e paesaggi, Grafica Salvioni, 2011

Cesare Alberto Loverre, Sacrificio e vittoria. Redipuglia dal cimitero degli invitti al sacrario monumentale, in "Bisiacaria. Associazione culturale bisiaca", 1995




L-iskultur Giannino Castiglioni fl-istudio tiegħu (Ħajr - Carla Castiglioni).


